# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 29 ta' Jannar 2020

**Rikors Numru : 415/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**PB**

**Vs**

**SD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' PB datat 6 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u wieħed u disgħin (1991) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument A.*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa' mill ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala Dokument B, fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżewwġin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi lanqas ma hemm xejn dovut in kwantu obbligi li hemm assunti obbligi ta' ħlasijiet sabiex jissaldaw il-kommunjoni, tenut kont li sal llum ġie ssaldjat kollox, ara Dokument C.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u wieħed u disgħin (1991)*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għall daqshekk mill-istess qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SD datata 16 ta Ottubru 2019, a fol 18 A, li taqra hekk:

*Illi permezz tagħha ma topponix għad-divorzju ta' bejn il-partijiet u tikkonferma li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment u kollox diġa mħallas għas-saldu u lanqas ma hemm ċans li l-partijiet jirrikonċiljaw.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**PB** iddikjara fl-affidavit tieghu (fol 4) illi huwa ilu isseparat minn SD mill-15 ta' Diċembru 2013, illi manteniment ma hemmx u lanqas ma hemm prospett ta' rikonċiljazzjoni.

**PB** xehed viva voce (fol 20) illi huwa iżżewweġ lil SD fil-15 ta' Diċembru 1991, u li minn dan

iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-15 ta' Diċembru 2013 u li minn dik id-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm xi tama li din isseħħ. Kien hemm dritt ta' manteniment fil-kuntratt pero dan il-manteniment dejjem tħallas, u il-bilanċ rimanenti ta' manteniment li kien għad fadal tħallas kollu bil-quddiem.

**SD** xehdet (fol 22) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed PB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Diċembru 1991 (Vide Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, datat 15 ta' Diċembru 2013 (vide Dok. B fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx u li l-manteniment futur diġa tħallas mill-attur *b'lump sum*.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**